

Il-Ġurnal Uffiċjali L 286 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

8 ta' Novembru 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2177 tat-8 ta' Novembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma** 1

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2178 tat-8 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma** 12

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2177

tat-8 ta' Novembru 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 194/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4i tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 401/2013.
- (2) Fil-25 ta' Lulju 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna bil-qawwa l-eżekuzzjoni tal-mexxejja tal-oppożizzjoni u favur id-demokrazija fil-Myanmar/Burma. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li dawn l-eżekuzzjonijiet motivati politikament jirrappreżentaw pass ieħor lejn iż-żarmar sħiħ tal-istat tad-dritt u ksur sfaċċat ieħor tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar.
- (3) L-Unjoni hija mħassba ħafna dwar l-eskalazzjoni kontinwa tal-vjolenza u l-evoluzzjoni lejn kunflitt fit-tul b'implikazzjonijiet reġjonali. L-Unjoni tikkundanna l-ksur gravi kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem inkluż it-tortura u l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, il-persekuzzjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti, u l-attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, inkluż il-minoranzi etniċi u reliġjużi, mill-forzi armati tal-Myanmar.
- (4) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe progress rapidu fis-sitwazzjoni fil-Mjanmar/Burma, l-Unjoni esprimiet f'diversi okkażjonijiet ir-rieda li tadotta aktar miżuri restrittivi kontra dawk responsabbli għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma.
- (5) Minħabba s-sitwazzjoni gravi li għadha tippersisti fil-Myanmar/Burma, 19-il persuna u entità waħda jenħtieġ li jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 401/2013.
- (6) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 401/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

(¹) ĠUL 121, 3.5.2013, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 401/2013 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 401/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jinżiedu mal-lista intitolata "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 4a":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"66.	Kan Zaw (magħruf ukoll bħala Dr. Kan Zaw)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 11.10.1954; Post tat-twelid: Salin Township, Magwe Region, Myanmar; Sess: raġel	Kan Zaw ilu l-Ministru għall-Investiment u r-Relazzjonijiet Ekonomiċi Barranin mid-19 ta' Awwissu 2022. Huwa nħatar mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC), immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, li ħa fidejh is-setgħat leġislattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat mit-2 ta' Frar 2021. Qabel kien inħatar mill-SAC bħala l-Awditur Ġenerali tal-Unjoni wara l-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, huwa jifforma parti mir-reġim militari li ħataf il-poter matul kolp ta' stat militari u waqqa' l-mexxejja eletti b'mod leġittimu fil-Myanmar/Burma. Bħala Ministru għall-Investiment u r-Relazzjonijiet Ekonomiċi Barranin, huwa responsabbli milli jgħin lin-negozji u jiffaċilita l-investimenti fil-Myanmar/Burma u l-kooperazzjoni ma' sħab barranin. F'dik il-kapaċità, Kan Zaw jieħu rwol attiv fl-appoġġ tal-isforzi tal-militar biex jiġbed investment barrani, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-ħtiġijiet finanzjarji tar-reġim militari. Għaldaqstant, huwa responsabbli għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, u għall-involvement f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' diversi figuri ta' livell għoli tar-reġim militari, inkluż il-Kap Kmandant Min Aung Hlaing.	8.11.2022
67.	Htun Htun Oo (magħruf ukoll bħala Tun Tun Oo)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 28.7.1956; Sess: raġel	Htun Htun Oo huwa l-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema fil-Myanmar/Burma, kif ikkonfermat f'dik il-pożizzjoni mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing fit-2 ta' Frar 2021, wara l-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021. Il-Qorti Suprema, taħt it-tmexxija ta' Htun Htun Oo, kienet involuta fil-prosekuzzjoni ta' mexxejja eletti demokratikament u esponenti tal-oppożizzjoni, u naqset milli twettaq id-dmirijiet tagħha bħala l-ogħla ġurisdizzjoni responsabbli għad-difiża tal-istat tad-dritt u l-garanzija tal-indipendenza tal-ġudikatura. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Prim Imħallef tal-Qorti Suprema, Htun Htun Oo huwa involut f'attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, mill-konferma tiegħu bħala l-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema, Htun Htun Oo ġie assoċjat ma' figuri ta' livell għoli tar-reġim militari, inkluż il-Kap Kmandant Min Aung Hlaing.	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
68.	Swe Swe Aung (magħruf ukoll bħala Dr. Swe Swe Aung)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1960; Sess: mara	Swe Swe Aung hija d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Legali, maħtura mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fil-31 ta' Marzu 2022. Id-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni, taħt it-tmexxija ta' Swe Swe Aung, kien involut f'diversi kawżi ġudizzjarji kontra mexxejja eletti demokratikament u esponenti tal-oppożizzjoni li twettqu bi ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal proċess ġust, inkluż il-proċedimenti li wasslu għall-eżekuzzjoni ta' erba' esponenti favur id-demokrazija. Għalhekk, fil-kapaċità tagħha bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni, Swe Swe Aung hija involuta f'attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, Swe Swe Aung hija assoċjata ma' diversi figuri u mexxejja tal-Kunsill Amministrattiv tal-Istat u oħrajn maħtura mill-armata bħall-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u l-Avukat Ġenerali Dr Thida Oo.	8.11.2022
69.	Zaw Min (magħruf ukoll bħala U Zaw Min)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1970; Sess: raġel	Zaw Min huwa d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fl-4 ta' Frar 2021. F'dik il-kapaċità, huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-ħabsijiet fil-Myanmar/Burma. Taħt it-tmexxija ta' Zaw Min, id-Dipartiment tal-Ħabsijiet kien involut f'diversi każijiet ta' ġestjoni ħażina tal-ħabsijiet u d-detenu ti kienu soġġetti għal vjolenza, swat, tortura u trattament inuman ieħor fil-ħabsijiet. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-ħabs kisru d-drittijiet tad-difiża ta' persuni detenuti. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet, Zaw Min huwa involut f'attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, Zaw Min huwa assoċjat ma' diversi figuri u mexxejja tal-Kunsill Amministrattiv tal-Istat u oħrajn maħtura mill-armata bħall-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u l-Ministru għall-Affarijiet Interni Logutenent Ġeneral Soe Htut.	8.11.2022
70.	U Zaw Lin Aung	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	U Zaw Lin Aung huwa ex uffiċjal militari u Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet tar-Reġjun ta' Yangon mill-aħħar tal-2021. Barra minn hekk, U Zaw Lin Aung huwa inkarigat mill-Ħabs ta' Insein. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-priġunieri politiċi detenuti fil-Ħabs ta' Insein kienu soġġetti għal vjolenza, swat, tortura u trattament inuman ieħor imwettqa mill-persunal tal-ħabs. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet tar-Reġjun ta' Yangon u responsabbli tal-Ħabs ta' Insein, U Zaw Lin Aung huwa involut f'attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
71.	U Than Swe	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1957 jew 1965; Sess: raġel	U Than Swe huwa l-President tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fid-19 ta' Awwissu 2022. Il-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, taħt it-tmexxija ta' U Than Swe, implimentat politiki bil-għan li jilleġittimizzaw il-kolp ta' stat militari, inkluż l-involviment tagħha fi proċedimenti kontra mexxejja eletti demokratikament, bħat-tressiq ta' akkużi ta' korruzzjoni kontra l-Kunsillier tal-Istat Daw Aung San Suu Kyi. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, U Than Swe huwa involut f'attivitajiet u politiki li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022
72.	Ko Ko Lwin	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1972 jew 1982; Sess: raġel	Ko Ko Lwin huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali tal-Unjoni (UEC), maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fl-1 ta' April 2022. Meta aċċetta din in-nomina wara l-kolp ta' stat militari tal-1 ta' Frar 2021, u bl-azzjonijiet tiegħu bħala membru tal-UEC, b'mod partikolari l-annullament tar-riżultati tal-elezzjonijiet ta' Novembru 2020 mingħajr ebda evidenza ppruvata ta' frodi, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' akkużi dwar frodi elettorali fir-rigward tal-istess elezzjonijiet, Ko Ko Lwin kien involut direttament f'azzjonijiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022
73.	Min Min Oo	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1962 jew 1967; Sess: raġel	Min Min Oo huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali tal-Unjoni (UEC), maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fit-2 ta' Mejju 2022. Meta aċċetta din in-nomina wara l-kolp ta' stat militari tal-1 ta' Frar 2021, u bl-azzjonijiet tiegħu bħala membru tal-UEC, b'mod partikolari l-annullament tar-riżultati tal-elezzjonijiet ta' Novembru 2020 mingħajr ebda evidenza ppruvata ta' frodi, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' akkużi dwar frodi elettorali fir-rigward tal-istess elezzjonijiet, Min Min Oo kien involut direttament f'azzjonijiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022
74.	Htun Aung	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1967; Sess: raġel	Il-Ġeneral Htun Aung huwa l-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru tal-Myanmar, maħtur mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Myanmar, il-Ġeneral ta' Livell Għoli Min Aung Hlaing fit-12 ta' Jannar 2022. F'dik il-kapaċità, Htun Aung jikkmanda u jikkontrolla l-forzi tal-ajru fil-Myanmar. Il-Forza tal-Ajru tal-Myanmar wettqet attakki kontra miri ċivili fil-Myanmar, u qatlet u għamlet ħsara liċ-ċivili, inkluż tfal u persuni minn minoranzi etniċi u reliġjużi. Skejjel, postijiet ta' qima u faċilitajiet tas-saħħa pubblika kienu wkoll fil-mira. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru tal-Myanmar, il-Ġeneral Htun Aung huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, il-Ġeneral Htun Aung jieħu sehem fil-governanza tal-MEHL, konglomerat li huwa proprjetà militari li jipprovdi lill-militar tal-Myanmar b'riżorsi ekonomiċi u materjali li jippermettu l-operazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, huwa jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
75.	Phone Myat	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Logutenent Ġeneral Phone Myat ilu l-Kmandant tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 3 (BSO 3) tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn April 2021.</p> <p>Qabel, huwa serva bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni bejn Lulju 2020 u April 2021, u kien il-kmandant tal-Kmand tal-Punent bejn Mejju 2019 u Lulju 2020.</p> <p>Bħala kmandant tal-BSO 3, Phone Myat jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari tal-Kmand tal-Lbiċ (Ayeyarwaddy), il-Kmand tan-Nofsinhar (Bago u Magway) u l-Kmand tal-Punent (Rakhine u Chin).</p> <p>Il-forzi militari taħt il-kmand tiegħu wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, delitti u atroċitajiet, inkluż qtil, attacchi fuq l-art u mill-ajru kontra persuni ċivili u massakri fir-reġjun tal-Magway, l-Istat ta' Chin u r-reġjun ta' Bago.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-BSO 3, Phone Myat huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
76.	Aung Soe	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma Sess: raġel	<p>Il-Logutenent Ġeneral Aung Soe ilu l-Kmandant tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 4 (BSO 4) tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn Jannar 2021. Qabel, kien il-Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni sa Marzu 2018, imbagħad il-Kap tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 6.</p> <p>Bħala kmandant tal-BSO 4, Aung Soe jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari tal-Kmand Kostali fid-Diviżjoni ta' Tanintharyi u l-Kmand tax-Xlokk fl-Istat ta' Mon u Karen.</p> <p>Il-forzi militari taħt il-kmand tiegħu wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, delitti u atroċitajiet, inkluż qtil, attacchi fuq l-art u mill-ajru kontra persuni ċivili, arresti illeġittimi u l-użu tal-artillerija. L-Istat ta' Kayin/Karen, wieħed mir-reġjuni taħt il-kmand ta' Aung Soe, irreġistra 3993 inċident vjolenti mill-kolp ta' stat sa Lulju 2022.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-BSO 4, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
77.	Thet Pon	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Logutenent Ġeneral Thet Pon ilu l-Kmandant tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 5 (BSO 5) tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn Ġunju 2020. Qabel, kien Kmandant tal-Kmand tal-Majjistral sal-2017 u l-Kmandant Reġjonali ta' Yangon bejn l-2017 u Ġunju 2020.</p> <p>Bħala Kmandant ta' BSO 5, Thet Pon jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari u t-tribunali militari fir-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>F'Marzu 2021, il-Kunsill Amministrattiv tal-Istat introduċa l-liġi marzjali fil-Myanmar, fejn ittrasferixxa s-setgħa eżekuttiva u ġudizzjarja lill-kap tal-kmandi militari reġjonali rilevanti. Sa Lulju 2022, tribunali militari fir-Reġjun ta' Yangon ikkundannaw 119-il individwu għal mewt, ħafna minnhom għal raġunijiet politiċi, inklużi erba' membri tal-oppożizzjoni demokratika li ġew ġustizzjati fir-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>Barra minn hekk, il-forzi militari fir-reġjun ta' Yangon wettqu atti vjolenti u qtil kontra dimostranti paċifiċi, bħall-użu ta' forza letali matul protesti kontra l-ġunta fit-township ta' Hlaing Tharyar ta' Yangon fl-14 ta' Marzu 2021.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-BSO 5, Thet Pon huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
78.	Htein Win	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Maġġur Ġeneral Htein Win huwa Kmandant tal-Kmand tan-Nofsinhar tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw). Bħala kmandant reġjonali, huwa jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-reġjuni ta' Bago u Magway.</p> <p>Il-forzi militari f'dawk ir-reġjuni wettqu attacchi mill-ajru, rejds, ħruq, għadd kbir ta' qtil u l-użu ta' tarki umani. Magway hija hotspot partikolari għal operazzjonijiet brutali kontra l-oppożizzjoni mmexxija mill-militar, bl-użu ta' strateġija "Oqtol Kollox, Aħraq Kollox, Israq Kollox" (Kill All, Burn All, Loot All) fir-Reġjun ta' Magway.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-Kmand tan-Nofsinhar, Htein Win huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
79.	Htin Latt Oo	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Maġġur Ġeneral Htin Latt Oo ilu Kmandant tal-Kmand tal-Punent tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn Lulju 2020. Bħala kmandant reġjonali, huwa jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-reġjuni ta' Rakhine tal-Punent u Chin.</p> <p>Il-forzi militari f'dawk ir-reġjuni wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u delitti, inkluż attakki mill-ajru, stupru, użu ta' tarki umani, ħruq ta' djar, massakri u arresti illegali.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-Kmand tal-Punent, Htin Latt Oo huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
80.	Than Htike	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel Numru tal-karta tal-identità militari: Kyi-28146	<p>Il-Brigadier Ġeneral Than Htike ilu Kmandant tal-Kmand tal-Majjistral tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) mis-6 ta' Jannar 2022. Bħala kmandant reġjonali, huwa jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-Reġjun ta' Sagaing.</p> <p>Il-forzi militari taħt il-kmand tiegħu wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, użu eċċessiv ta' forza u azzjonijiet brutali kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż l-attakk militari kontra skola f'Depeyin Township fir-Reġjun ta' Sagaing, li qatel mill-inqas 13-il persuna inkluż 11-il tifel u tifla. Fir-Reġjun ta' Sagaing, il-forzi militari ħarqu aktar minn 20 000 dar mill-kolp ta' stat militari.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala kmandant reġjonali tal-Kmand tan-Nofsinhar, Than Htike huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
81.	Nyunt Win Swe	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Maġġur General Nyunt Win Swe ilu Kmandant tal-Forzi Armati tal-Myanmar fir-Reġjun ta' Yangon (Tatmadaw) minn Ġunju 2020. F'dik il-kapaċità, Nyunt Win Swe jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-Reġjun ta' Yangon u, flimkien mal-Kap tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 5, il-Logutenent Ġenerali Thet Pon, jissorvelja t-tribunali militari għar-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>F'Marzu 2021, il-Kunsill Amministrattiv tal-Istat introduċa l-liġi marzjali fil-Myanmar, fejn ittrasferixxa s-setgħa eżekuttiva u ġudizzjarja lill-kap tal-kmandi militari reġjonali rilevanti. Sa Lulju 2022, tribunali militari fir-Reġjun ta' Yangon ikkundannaw 119-il individwu għal mewt, ħafna minnhom għal raġunijiet politiċi, inklużi erba' membri tal-oppożizzjoni demokratika li ġew ġustizzjati fir-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>Barra minn hekk, il-forzi militari fir-Reġjun ta' Yangon wettqu atti vjolenti u qtil kontra dimostranti paċifiċi, bħall-użu ta' forza letali matul protesti kontra l-ġunta fit-township ta' Hlaing Tharyar ta' Yangon fl-14 ta' Marzu 2021.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant għar-Reġjun ta' Yangon, Nyunt Win Swe huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
82.	U Tay Za	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 18.7.1964; Post tat-twelid: Yangon, Myanmar; Sess: raġel	<p>U Tay Za huwa l-fundatur u l-President ta' Htoo Group of Companies, konglomerat privat li jopera f'diversi setturi, inkluż il-kummerċ, il-banek, il-minjieri, it-turiżmu u l-avjazzjoni. U Tay Za għandu rabta mill-qrib mat-tmexxija ewlenija tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw).</p> <p>Permezz ta' Htoo Group of Companies, U Tay Za ipprova appoġġ finanzjarju lit-Tatmadaw fl-2017 f'avveniment ta' ġbir ta' fondi b'rabta mal-"operazzjonijiet ta' tindif" ta' Rakhine. Barra minn hekk, U Tay Za aġixxa bħala intermedjarju għall-forniment ta' tagħmir militari li ntuża kontra l-popolazzjoni ċivili u d-dimostranti fil-pajjiż kollu.</p> <p>Billi kkontribwixxa għall-kapaċitajiet tal-militar li jwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, kif ukoll li jwettaq attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, U Tay Za appoġġa lit-Tatmadaw u kien involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
83.	Aung Moe Myint	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 9.6.1971 jew 28.9.1969 Sess: raġel Numru tal-passaport: 12/YAKANA (N)006981	Aung Moe Myint huwa d-Direttur ta' Dynasty International Company Ltd (DIDL) li topera fis-settur tal-kummerċ. Huwa l-Konslu Onorarju tar-Repubblika tal-Belarusja għall-Myanmar. Abbażi tal-pożizzjoni kummerċjali u personali tiegħu, inkluż ir-rabtiet politiċi u kummerċjali mill-qrib tiegħu mal-Belarusja, Aung Moe Myint iffaċilita l-akkwist ta' armi tan-nar, armi, oġġetti ristretti u b'użu doppju għall-militar tal-Myanmar, li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili u d-dimostranti fil-pajjiż kollu. Billi kkontribwixxa għall-kapaċitajiet tal-militar li jwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, kif ukoll li jwettaq attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, Aung Moe Myint appoġġa lit-Tatmadaw u kien involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.	8.11.2022
84.	Naing Htut Aung	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 27.1.1968; Sess: raġel Numru tal-passaport: 12/MAKAYA 118765	Naing Htut Aung huwa d-Direttur ta' International Group of Companies (IGGC) li topera fis-settur tal-kummerċ. Permezz tal-IGGC, Naing Htut Aung ipprova appoġġ finanzjarju lit-Tatmadaw fl-2017 f'avveniment ta' ġbir ta' fondi b'rabta mal-"operazzjonijiet ta' tindif" ta' Rakhine. Barra minn hekk, Naing Htut Aung aġixxa bħala importatur u sensar ta' armi, tagħmir militari u oġġetti b'użu doppju għall-militar tal-Myanmar, li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili u d-dimostranti fil-pajjiż kollu. Billi kkontribwixxa għall-kapaċitajiet tal-militar li jwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, kif ukoll li jwettaq attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, Naing Htut Aung appoġġa lit-Tatmadaw u kien involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.	8.11.2022"

(2) L-entrata li ġejja tinżied mal-lista intitolata "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 4a":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"11.	Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC)	Tip ta' entità: pubblika; Post tar-reġistrazzjoni: il-Myanmar;	<p>Il-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) huwa entità pubblika stabbilita fit-2 ta' Frar 2021 wara l-kolp ta' stat militari fil-Myanmar/Burma fl-1 ta' Frar 2021. Bħala parti mill-kolp ta' stat, il-Viċi President Swe iddikjara stat ta' emerġenza u ttrasferixxa s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-istat lill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing. Is-SAC, immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ġie stabbilit biex jeżerċita dawk il-funzjonijiet.</p> <p>Is-SAC, permezz tas-setgħa tiegħu li jeżerċita funzjonijiet statali, huwa responsabbli għall-politiki u l-attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, is-SAC adotta deċiżjonijiet li rriżultaw fir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-oppożizzjoni politika, l-atroċitajiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Forzi tas-Sigurtà tal-Myanmar. Għalhekk, is-SAC huwa involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022"

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2178

tat-8 ta' Novembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/ Burma

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/184/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fil-25 ta' Lulju 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna bil-qawwa l-eżekuzzjoni tal-mexxejja tal-oppożizzjoni u favur id-demokrazija fil-Myanmar/Burma. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li dawn l-eżekuzzjonijiet motivati politikament jirrapreżentaw pass ieħor lejn iż-żarmar sħiħ tal-istat tad-dritt u ksur sfaċċat ieħor tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar.
- (3) L-Unjoni hija ferm imħassba dwar l-eskalazzjoni kontinwa tal-vjolenza u l-evoluzzjoni għal kunflitt fit-tul b'implikazzjonijiet reġjonali. L-Unjoni tikkundanna l-ksur gravi kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem inkluż it-tortura u l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, il-persekuzzjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti, u l-attakki fuq il-popolazzjoni ċivili, inkluż il-minoranzi etniċi u reliġjużi, mill-forzi armati tal-Myanmar.
- (4) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe progress rapidu fis-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma, l-Unjoni esprimiet f'diversi okkażjonijiet ir-rieda li tadotta aktar miżuri restrittivi kontra daww responsabbli għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma.
- (5) Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi li għadha tippersisti fil-Myanmar/Burma, 19-il persuna u entità waħda jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK.
- (6) Għalhekk id-Deċiżjoni 2013/184/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA

L-Anness tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jinżiedu mal-lista intitolata "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 5(1) u 6(1)":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
66.	Kan Zaw (magħruf ukoll bħala Dr. Kan Zaw)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 11.10.1954; Post tat-twelid: Salin Township, Magwe Region, Myanmar; Sess: raġel	Kan Zaw ilu l-Ministru għall-Investment u r-Relazzjonijiet Ekonomiċi Barranin mid-19 ta' Awwissu 2022. Huwa nħatar mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC), immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, li ħa f'idejh is-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat mit-2 ta' Frar 2021. Qabel kien inħatar mill-SAC bħala l-Awditur Ġenerali tal-Unjoni wara l-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, huwa jiffirma parti mir-reġim militari li ħataf il-poter matul kolp ta' stat militari u waqqa' l-mexxejja eletti b'mod leġittimu fil-Myanmar/Burma. Bħala Ministru għall-Investment u r-Relazzjonijiet Ekonomiċi Barranin, huwa responsabbli milli jgħin lin-negozji u jiffaċilita l-investimenti fil-Myanmar/Burma u l-kooperazzjoni ma' sħab barranin. F'dik il-kapaċità, Kan Zaw jieħu rwol attiv fl-appoġġ tal-isforzi tal-militar biex jiġbed investment barrani, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżgurar tal-ħtiġijiet finanzjarji tar-reġim militari. Għaldaqstant, huwa responsabbli għall-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, u għall-involviment f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' diversi figuri ta' livell għoli tar-reġim militari, inkluż il-Kap Kmandant Min Aung Hlaing.	8.11.2022
67.	Htun Htun Oo (magħruf ukoll bħala Tun Tun Oo)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 28.7.1956; Sess: raġel	Htun Htun Oo huwa l-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema fil-Myanmar/Burma, kif ikkonfermat f'dik il-pożizzjoni mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing fit-2 ta' Frar 2021, wara l-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021. Il-Qorti Suprema, taħt it-tmexxija ta' Htun Htun Oo, kienet involuta fil-prosekuzzjoni ta' mexxejja eletti demokratikament u esponenti tal-oppożizzjoni, u naqset milli twettaq id-dmirijiet tagħha bħala l-ogħla ġurisdizzjoni responsabbli għad-difiża tal-istat tad-dritt u l-garanzija tal-indipendenza tal-ġudikatura. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Prim Imħallef tal-Qorti Suprema, Htun Htun Oo huwa involut f'attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, mill-konferma tiegħu bħala l-Prim Imħallef tal-Qorti Suprema, Htun Htun Oo ġie assoċjat ma' figuri ta' livell għoli tar-reġim militari, inkluż il-Kap Kmandant Min Aung Hlaing.	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
68.	Swe Swe Aung (magħruf ukoll bħala Dr. Swe Swe Aung)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1960; Sess: mara	Swe Swe Aung hija d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Legali, maħtura mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fil-31 ta' Marzu 2022. Id-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni, taħt it-tmexxija ta' Swe Swe Aung, kien involut f'diversi kawżi ġudizzjarji kontra mexxejja eletti demokratikament u esponenti tal-oppożizzjoni li twettqu bi ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal proċess ġust, inkluż il-proċedimenti li wasslu għall-eżekuzzjoni ta' erba' esponenti favur id-demokrazija. Għalhekk, fil-kapaċità tagħha bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Prosekuzzjoni, Swe Swe Aung hija involuta f'attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, Swe Swe Aung hija assoċjata ma' diversi figuri u mexxejja tal-Kunsill Amministrattiv tal-Istat u oħrajn maħtura mill-armata bħall-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u l-Avukat Ġenerali Dr Thida Oo.	8.11.2022
69.	Zaw Min (magħruf ukoll bħala U Zaw Min)	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1970; Sess: raġel	Zaw Min huwa d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fl-4 ta' Frar 2021. F'dik il-kapaċità, huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-ħabsijiet fil-Myanmar/Burma. Taħt it-tmexxija ta' Zaw Min, id-Dipartiment tal-Ħabsijiet kien involut f'diversi każijiet ta' ġestjoni ħażina tal-ħabsijiet u d-detenuki kienu soġġetti għal vjolenza, swat, tortura u trattament inuman ieħor fil-ħabsijiet. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-ħabs kisru d-drittijiet tad-difiża ta' persuni detenuki. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet, Zaw Min huwa involut f'attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, Zaw Min huwa assoċjat ma' diversi figuri u mexxejja tal-Kunsill Amministrattiv tal-Istat u oħrajn maħtura mill-armata bħall-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u l-Ministru għall-Affarijiet Interni Logutenent Ġeneral Soe Htut.	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
70.	U Zaw Lin Aung	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	U Zaw Lin Aung huwa ex uffiċjal militari u Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet tar-Reġjun ta' Yangon mill-aħħar tal-2021. Barra minn hekk, U Zaw Lin Aung huwa inkarigat mill-Ħabs ta' Insein. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-priġunieri politiċi detenuti fil-Ħabs ta' Insein kienu soġġetti għal vjolenza, swat, tortura u trattament inuman ieħor imwettqa mill-persunal tal-ħabs. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet tar-Reġjun ta' Yangon u responsabbli tal-Ħabs ta' Insein, U Zaw Lin Aung huwa involut f'attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022
71.	U Than Swe	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1957 jew 1965; Sess: raġel	U Than Swe huwa l-President tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fid-19 ta' Awwissu 2022. Il-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, taħt it-tmexxija ta' U Than Swe, implimentat politiki bil-għan li jilleġittimizzaw il-kolp ta' stat militari, inkluż l-involviment tagħha fi proċedimenti kontra mexxejja eletti demokratikament, bħat-tressiq ta' akkużi ta' korruzzjoni kontra l-Kunsillier tal-Istat Daw Aung San Suu Kyi. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni, U Than Swe huwa involut f'attivitajiet u politiki li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022
72.	Ko Ko Lwin	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1972 jew 1982; Sess: raġel	Ko Ko Lwin huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali tal-Unjoni (UEC), maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fl-1 ta' April 2022. Meta aċċetta din in-nomina wara l-kolp ta' stat militari tal-1 ta' Frar 2021, u bl-azzjonijiet tiegħu bħala membru tal-UEC, b'mod partikolari l-annullament tar-riżultati tal-elezzjonijiet ta' Novembru 2020 mingħajr ebda evidenza ppruvata ta' frodi, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' akkużi dwar frodi elettorali fir-rigward tal-istess elezzjonijiet, Ko Ko Lwin kien involut direttament f'azzjonijiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022
73.	Min Min Oo	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1962 jew 1967; Sess: raġel	Min Min Oo huwa membru tal-Kummissjoni Elettorali tal-Unjoni (UEC), maħtur mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) fit-2 ta' Mejju 2022. Meta aċċetta din in-nomina wara l-kolp ta' stat militari tal-1 ta' Frar 2021, u bl-azzjonijiet tiegħu bħala membru tal-UEC, b'mod partikolari l-annullament tar-riżultati tal-elezzjonijiet ta' Novembru 2020 mingħajr ebda evidenza ppruvata ta' frodi, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' akkużi dwar frodi elettorali fir-rigward tal-istess elezzjonijiet, Min Min Oo kien involut direttament f'azzjonijiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
74.	Htun Aung	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 1967; Sess: raġel	<p>Il-Ġeneral Htun Aung huwa l-Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru tal-Myanmar, maħtur mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Myanmar, il-Ġeneral ta' Livell Għoli Min Aung Hlaing fit-12 ta' Jannar 2022. F'dik il-kapaċità, Htun Aung jikkmanda u jikkontrolla l-forzi tal-ajru fil-Myanmar.</p> <p>Il-Forza tal-Ajru tal-Myanmar wettqet attacki kontra miri ċivili fil-Myanmar, u qatlet u għamlet ħsara liċ-ċivili, inkluż tfal u persuni minn minoranzi etniċi u reliġjużi. Skejjel, postijiet ta' qima u faċilitajiet tas-saħħa pubblika kienu wkoll fil-mira.</p> <p>Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap Kmandant tal-Forza tal-Ajru tal-Myanmar, il-Ġeneral Htun Aung huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p> <p>Barra minn hekk, il-Ġeneral Htun Aung jieħu sehem fil-governanza tal-MEHL, konglomerat li huwa proprjetà militari li jipprovdi lill-militar tal-Myanmar b'riżorsi ekonomiċi u materjali li jippermettu l-operazzjonijiet tagħhom.</p> <p>Għalhekk, huwa jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
75.	Phone Myat	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Logutenent Ġeneral Phone Myat ilu l-Kmandant tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 3 (BSO 3) tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn April 2021.</p> <p>Qabel, huwa serva bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni bejn Lulju 2020 u April 2021, u kien il-kmandant tal-Kmand tal-Punent bejn Mejju 2019 u Lulju 2020.</p> <p>Bħala kmandant tal-BSO 3, Phone Myat jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari tal-Kmand tal-Lbiċ (Ayeyarwaddy), il-Kmand tan-Nofsinhar (Bago u Magway) u l-Kmand tal-Punent (Rakhine u Chin).</p> <p>Il-forzi militari taħt il-kmand tiegħu wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, delitti u atroċitajiet, inkluż qtil, attacki fuq l-art u mill-ajru kontra persuni ċivili u massakri fir-reġjun tal-Magway, l-Istat ta' Chin u r-reġjun ta' Bago.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-BSO 3, Phone Myat huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
76.	Aung Soe	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma Sess: raġel	<p>Il-Logutenent Ġeneral Aung Soe ilu l-Kmandant tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 4 (BSO 4) tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn Jannar 2021. Qabel, kien il-Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni sa Marzu 2018, imbagħad il-Kap tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 6.</p> <p>Bħala kmandant tal-BSO 4, Aung Soe jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari tal-Kmand Kostali fid-Diviżjoni ta' Tanintharyi u l-Kmand tax-Xlokk fl-Istat ta' Mon u Karen.</p> <p>Il-forzi militari taħt il-kmand tiegħu wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, delitti u atroċitajiet, inkluż qtil, attakki fuq l-art u mill-ajru kontra persuni ċivili, arresti illeġittimi u l-użu tal-artillerija. L-Istat ta' Kayin/Karen, wieħed mir-reġjuni taħt il-kmand ta' Aung Soe, irreġistra 3 993 inċident vjolenti mill-kolp ta' stat sa Lulju 2022.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-BSO 4, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
77.	Thet Pon	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Logutenent Ġeneral Thet Pon ilu l-Kmandant tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 5 (BSO 5) tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn Ġunju 2020. Qabel, kien Kmandant tal-Kmand tal-Majjistral sal-2017 u l-Kmandant Reġjonali ta' Yangon bejn l-2017 u Ġunju 2020.</p> <p>Bħala Kmandant ta' BSO 5, Thet Pon jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari u t-tribunali militari fir-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>F'Marzu 2021, il-Kunsill Amministrattiv tal-Istat introduċa l-liġi marzjali fil-Myanmar, fejn ittrasferixxa s-setgħa eżekuttiva u ġudizzjarja lill-kap tal-kmandi militari reġjonali rilevanti. Sa Lulju 2022, tribunali militari fir-Reġjun ta' Yangon ikkundannaw 119-il individwu għal mewt, ħafna minnhom għal raġunijiet politiċi, inklużi erba' membri tal-oppożizzjoni demokratika li ġew ġustizzjati fir-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>Barra minn hekk, il-forzi militari fir-reġjun ta' Yangon wettqu atti vjolenti u qtil kontra dimostranti paċifiċi, bħall-użu ta' forza letali matul protesti kontra l-ġunta fit-township ta' Hlaing Tharyar ta' Yangon fl-14 ta' Marzu 2021.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-BSO 5, Thet Pon huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
78.	Htein Win	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Maġġur Ġeneral Htein Win huwa Kmandant tal-Kmand tan-Nofsinhar tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw). Bħala kmandant reġionali, huwa jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-reġjuni ta' Bago u Magway.</p> <p>Il-forzi militari f'dawk ir-reġjuni wettqu attakki mill-ajru, rejds, ħruq, għadd kbir ta' qtil u l-użu ta' tarki umani. Magway hija hotspot partikolari għal operazzjonijiet brutali kontra l-oppożizzjoni mmexxija mill-militar, bl-użu ta' strateġija "Oqtol Kollox, Aħraq Kollox, Israq Kollox" (Kill All, Burn All, Loot All) fir-Reġjun ta' Magway.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-Kmand tan-Nofsinhar, Htein Win huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
79.	Htin Latt Oo	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Maġġur Ġeneral Htin Latt Oo ilu Kmandant tal-Kmand tal-Punent tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) minn Lulju 2020. Bħala kmandant reġionali, huwa jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-reġjuni ta' Rakhine tal-Punent u Chin.</p> <p>Il-forzi militari f'dawk ir-reġjuni wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u delitti, inkluż attakki mill-ajru, stupru, użu ta' tarki umani, ħruq ta' djar, massakri u arresti illegali.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-Kmand tal-Punent, Htin Latt Oo huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
80.	Than Htike	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel Numru tal-karta tal-identità militari: Kyi-28146	<p>Il-Brigadier Ġeneral Than Htike ilu Kmandant tal-Kmand tal-Majjistral tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) mis-6 ta' Jannar 2022. Bħala kmandant reġjonali, huwa jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-Reġjun ta' Sagaing.</p> <p>Il-forzi militari taħt il-kmand tiegħu wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, użu eċċessiv ta' forza u azzjonijiet brutali kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż l-attakk militari kontra skola f'Depyin Township fir-Reġjun ta' Sagaing, li qatel mill-inqas 13-il persuna inkluż 11-il tifel u tifla. Fir-Reġjun ta' Sagaing, il-forzi militari ħarqu aktar minn 20 000 dar mill-kolp ta' stat militari.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala kmandant reġjonali tal-Kmand tan-Nofsinhar, Than Htike huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
81.	Nyunt Win Swe	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Sess: raġel	<p>Il-Maġġur Ġeneral Nyunt Win Swe ilu Kmandant tal-Forzi Armati tal-Myanmar fir-Reġjun ta' Yangon (Tatmadaw) minn Ġunju 2020. F'dik il-kapaċità, Nyunt Win Swe jikkmanda u jikkontrolla l-forzi militari fir-Reġjun ta' Yangon u, flimkien mal-Kap tal-Uffiċċju tal-Operazzjonijiet Speċjali 5, il-Logutenent Ġenerali Thet Pon, jissorvelja t-tribunali militari għar-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>F'Marzu 2021, il-Kunsill Amministrattiv tal-Istat introduċa l-liġi marzjali fil-Myanmar, fejn ittrasferixxa s-setgħa eżekuttiva u ġudizzjarja lill-kap tal-kmandi militari reġjonali rilevanti. Sa Lulju 2022, tribunali militari fir-Reġjun ta' Yangon ikkundannaw 119-il individwu għal mewt, ħafna minnhom għal raġunijiet politiċi, inklużi erba' membri tal-oppożizzjoni demokratika li ġew ġustizzjati fir-Reġjun ta' Yangon.</p> <p>Barra minn hekk, il-forzi militari fir-Reġjun ta' Yangon wettqu atti vjolenti u qtil kontra dimostranti paċifiċi, bħall-użu ta' forza letali matul protesti kontra l-ġunta fit-township ta' Hlaing Tharyar ta' Yangon fl-14 ta' Marzu 2021.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant għar-Reġjun ta' Yangon, Nyunt Win Swe huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, għal attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, kif ukoll għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
82.	U Tay Za	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 18.7.1964; Post tat-twelid: Yangon, Myanmar; Sess: raġel	<p>U Tay Za huwa l-fundatur u l-President ta' Htoo Group of Companies, konglomerat privat li jopera f'diversi setturi, inkluż il-kummerċ, il-banek, il-minjieri, it-turiżmu u l-avjazzjoni. U Tay Za għandu rabta mill-qrib mat-tmexxija ewlenija tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw).</p> <p>Permezz ta' Htoo Group of Companies, U Tay Za ipprova appoġġ finanzjarju lit-Tatmadaw fl-2017 f'avveniment ta' ġbir ta' fondi b'rabta mal-"operazzjonijiet ta' tindif" ta' Rakhine. Barra minn hekk, U Tay Za aġixxa b'ħala intermedjarju għall-forniment ta' tagħmir militari li ntuża kontra l-popolazzjoni ċivili u d-dimostranti fil-pajjiż kollu.</p> <p>Billi kkontribwixxa għall-kapaċitajiet tal-militar li jwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, kif ukoll li jwettaq attivitajiet li jimminaw id-demokrazzja u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, U Tay Za appoġġa lit-Tatmadaw u kien involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022
83.	Aung Moe Myint	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 9.6.1971 jew 28.9.1969 Sess: raġel Numru tal-passaport: 12/YAKANA (N)006981	<p>Aung Moe Myint huwa d-Direttur ta' Dynasty International Company Ltd (DIDL) li topera fis-settur tal-kummerċ. Huwa l-Konslu Onorarju tar-Repubblika tal-Belarusija għall-Myanmar. Abbażi tal-pożizzjoni kummerċjali u personali tiegħu, inkluż ir-rabtiet politiċi u kummerċjali mill-qrib tiegħu mal-Belarusija, Aung Moe Myint iffaċilita l-akkwist ta' armi tan-nar, armi, oġġetti ristretti u b'użu doppju għall-militar tal-Myanmar, li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili u d-dimostranti fil-pajjiż kollu.</p> <p>Billi kkontribwixxa għall-kapaċitajiet tal-militar li jwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, kif ukoll li jwettaq attivitajiet li jimminaw id-demokrazzja u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, Aung Moe Myint appoġġa lit-Tatmadaw u kien involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
84.	Naing Htut Aung	Nazzjonalità: il-Myanmar/Burma; Data tat-twelid: 27.1.1968; Sess: raġel Numru tal-passaport: 12/MAKAYA 118765	Naing Htut Aung huwa d-Direttur ta' International Group of Companies (IGGC) li topera fis-settur tal-kummerċ. Permezz tal-IGGC, Naing Htut Aung ipprova appoġġ finanzjarju lit-Tatmadaw fl-2017 f'avveniment ta' ġbir ta' fondi b'rabta mal-"operazzjonijiet ta' tindif" ta' Rakhine. Barra minn hekk, Naing Htut Aung aġixxa bħala importatur u sensar ta' armi, tagħmir militari u oġġetti b'użu doppju għall-militar tal-Myanmar, li ntużaw kontra l-popolazzjoni ċivili u d-dimostranti fil-pajjiż kollu. Billi kkontribwixxa għall-kapaċitajiet tal-militar li jwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili, kif ukoll li jwettaq attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, Naing Htut Aung appoġġa lit-Tatmadaw u kien involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.	8.11.2022"

(2) L-entrata li ġejja tinżied mal-lista intitolata "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(1)":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"11.	Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC)	Tip ta' entità: pubblika; Post tar-reġistrazzjoni: il-Myanmar;	Il-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC) huwa entità pubblika stabbilita fit-2 ta' Frar 2021 wara l-kolp ta' stat militari fil-Myanmar/Burma fl-1 ta' Frar 2021. Bħala parti mill-kolp ta' stat, il-Viċi President Swe iddikjara stat ta' emerġenza u ttrasferixxa s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-istat lill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing. Is-SAC, immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ġie stabbilit biex jeżerċita dawk il-funzjonijiet. Is-SAC, permezz tas-setgħa tiegħu li jeżerċita funzjonijiet statali, huwa responsabbli għall-politiki u l-attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, is-SAC adotta deċiżjonijiet li rriżultaw fir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-oppożizzjoni politika, l-atroċitajiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Forzi tas-Sigurtà tal-Myanmar. Għalhekk, is-SAC huwa involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.	8.11.2022"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)